# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 26 ta' Marzu, 2024.**

**Kawża Nru. 18**

**Rik. Nru. 350/13JRM**

**GASANMAMO INSURANCE LIMITED (C – 3143)** hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurata tagħha Universal Inspectorate and Services Limited (C – 25645) sija bil-polza u sija bil-liġi, u l-istess Universal Inspectorate and Services Company Limited (C – 25645)

vs

Carmel **BONNIĊI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-12 ta' April, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ir-rikorrenti jitolbu li din il-Qorti: (a) issib li l-imħarrek waħdu jaħti għall-inċident li seħħ fi Triq il-Foss, il-Pietà fis-16 ta' Mejju, 2010, meta l-vettura misjuqa mill-istess imħarrek bin-numru ta'

reġistrazzjoni GBD 886 baqgħet dieħla ġol-vettura misjuqa mis-sewwieq assikurat magħha li ġġib in-numru ta' reġistrazzjoni UIS 006; (b) tillikwida d-danni mġarrba fl-ammont ta' tlettax-il elf, ħames mija u erba' ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmi (€13,504.21); u (ċ) tikkundanna lill-imħarrek iħallas id-danni hekk likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż, magħduda dawk tal-Ittra Uffiċjali tas-17 ta' April, 2012 u bl-imgħax legali mis-17 ta' April 2012 sal-jum tal-ħlas effettiv;

Rat id-digriet tagħha (diversament presjeduta) tat-2 ta' Mejju, 2013[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek fis-26 ta' Lulju, 2013, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi ċaħad li kien b'xi mod jaħti għall-ħabta. Żied jgħid li, f'kull każ, huwa xorta waħda ma għandu jħallas xejn ladarba kien kopert b'polza tat-tip *comprehensive* u ma għamel xejn li seta' jwassal biex kiser xi kundizzjoni ta' dik il-polza b'mod li ma jibqax igawdi mill-protezzjoni tagħha. Laqa' wkoll billi ċaħad li kien taħt l-effett tax-xorb meta seħħ l-inċident;

Rat id-digriet tagħha (diversament presjeduta) tat-22 ta' Ottubru, 2013[2], li bih ħatret lill-Avukat Yvette Cassar bħala Assistent Ġudizzjarju;

Rat li, b'ordni ta' surroga tal-24 ta' Jannar, 2014[3], din il-kawża kienet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta;

Rat ix-xhieda u d-dokumenti mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Semgħet it-trattazzjoni tal-għeluq mill-avukati tal-partijiet[4];

Rat l-atti u d-dokumenti kollha mressqa f'din il-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għad-danni mġarrbin f'ħabta bejn karozzi u għall-ħlas lura tal-kumpens mogħti minn kumpannija assikuratriċi (l-attriċi GasanMamo Insurance Limited – minn issa 'l hemm imsejħa "GasanMamo") lill-

[1] Paġ. 51 tal-proċess
[2] Paġ. 60 tal-proċess
[3] Paġġ. 62 sa 63tal-proċess
[4] Paġġ. 126 sa 130 tal-proċess

assikurata tagħha (l-attriċi Universal Inspectorate & Services Company Limited – minn issa 'l hemm imsejħa "UI&S")) li kien wieħed mis-sidien ta' waħda mill-vetturi involuti fil-ħabta. Il-kumpannija attriċi, bħala assikuratriċi, u l-istess assikurata qegħdin flimkien ifittxu lill-imħarrek biex jagħmel tajjeb għar-risarċiment li tħallas minn GasanMamo lil UI&S b'kumpens tal-valur assikurat tal-karozza li ntlaqtet mill-vettura misjuqa mill-imħarrek;

Illi l-imħarrek laqa' billi qal li hu ma kienx jaħti għall-imsemmija ħabta. Qal li kien kopert b'polza tat-tip *comprehensive* u ma għamel xejn li bih seta' kiser xi kundizzjoni tal-polza b'mod li jitlef il-ħarsien taħtha. Ċaħad ukoll li kien taħt l-effett tax-xorb meta seħħ l-inċident mertu tal-każ;

Illi bħala fatti rilevanti li jirriżultaw mill-atti, nhar it-12 ta' April, 2013, għall-ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofsinhar (14.00), Mohammed Ali Mnea kien qed isuq il-vettura tal-għamla *Opel Zafira* bin-numru ta' reġistrazzjoni UIS 006 fi Triq il-Foss, Pietà (f'dik il-parti tat-triq li hija liwja li tiġi taħt il-"*flyover*" tal-Bieb tal-Bombi[5]), sejjer mill-Bieb tal-Bombi fil-Floriana għad-direzzjoni tal-Pietà meta ntlaqat fuq quddiem minn vettura tal-għamla *Perodua* bin-numru ta' reġistrazzjoni GBD 886 misjuqa mill-imħarrek u li kienet ġejja min-naħa l-oħra tat-triq, jiġifieri tielgħa lejn il-Bieb tal-Bombi minn tal-Pietà. Mal-ħabta, iż-żewġ sewwieqa flimkien mal-passiġġier li kien riekeb fil-vettura UIS 006, ittieħdu l-isptar għall-kura;

Illi s-surġent u l-kuntistabbli tal-Pulizija li waslu fuq il-post fejn seħħet il-ħabta xehdu-inċident jistqarru li l-imħarrek kellu fuqu riħa qawwija ta' xorb[6], u li huwa stqarr magħhom li, xi ħin qabel, kien xorob erba' (4) fliexken birra. Is-surġent jistqarr ukoll li l-imħarrek kellmu b'mod normali[7], u li ma tteħidx "*breathalyzer test*"[8];

Illi ż-żewġ vetturi nvoluti fl-inċident kienu assikurati ma' GasanMamo taħt polza "*comprehensive*"[9];

Illi UI&S ressqet talba ma' GasanMamo taħt il-polza li kellha magħha dwar il-ħsara li l-karozza tagħha ġarrbet fil-ħabta. GasanMamo qabbdet *surveyor* biex jara l-karozza ta' UI&S u sab għadd ta' ħsarat[10];

Illi meta rċeviet mingħand il-Pulizija r-rapport tal-inċident u minħabba li kien fih l-istqarrija li l-imħarrek kien xorob erba' fliexken birra,

[5] AraDokti "GMI 1" u "CB2" (ritratti), f'paġġ. 11 u 103 – 6 tal-proċess
[6] "*A strong smell of alcohol*". Ara f'dan il-kuntest Dok. "GMI 1" f'paġ. 10 tal-proċess
[7] Ara wkoll ix-xhieda ta' Surġent Justin Spiteri f'paġġ. 75 sa 76 tal-proċess
[8] *Ibid* paġ. 77 tal-proċess
[9] Ara x-xhieda ta' Max Borġ Bonello f'paġġ. 81 u 83 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "MBB1" sa "MBB2" f'paġġ. 111 – 2 tal-proċess
[10] Ara x-xhieda ta' Max Borġ Bonello u ta' John Callus f'paġġ. 81 – 2, u 91 – 3 tal-proċess rispettivament. Ara wkoll Dokti. "JC1" u, "GMI3" sa "GMI24" f'paġġ. 94 sa 99 u 14 sa 48 tal-proċess

GasanMamo applikat il-klawżola fil-polza tal-imħarrek li titkellem dwar l-esklużjoni marbuta ma' sewqan taħt l-effett tax-xorb[11]. Ħareġ ukoll li fi stqarrija miktuba minn idejh stess li għamel ma' GasanMamo fis-16 ta' Mejju, 2010, l-imħarrek ikkonferma li l-vettura li kien qiegħed isuq spiċċat fuq in-naħa l-oħra tat-triq[12], jiġifieri fuq il-kareġġjata fejn kienet tinsab il-vettura ta' UI&S, għalkemm qal ukoll li dan ma sarx bi ħtija tiegħu għax qal li l-vettura l-oħra "*kienet ġejja bi speed qawwi li żgur mhux normali*"[13];

Illi UI&S ħallset l-*excess* fl-ammont ta' mija u għaxar ewro (€110) u GasanMamo ħallset lil UI&S l-ispejjeż marbuta mal-ħsarat tal-vettura. B'kollox tħallas l-ammont ta' tlettax-il elf, ħames mija u erba' ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmi (€13,504.21)[14];

Illi fis-17 ta' April, 2012[15], GasanMamo interpellat lill-imħarrek biex iħallas l-ispejjeż minfuqa minnha għall-inċident. Imma l-imħarrek ma aċċettax il-ħtija tal-ħabta;

Illi fit-12 ta' April, 2013, infetħet il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali l-Qorti se tibda billi tqis **min jaħti għall-ħabta**. Il-Qorti jidhrilha li, mid-dinamika tal-istess u mill-provi mressqa, il-kwistjoni kollha tintrabat ma' dak li wettaq l-imħarrek fil-waqtiet qabel il-ħabta. Dan qiegħed jingħad għaliex ma jidhirx li huwa kontestat li l-karozza assikurata minn GasanMamo jew sidha jew is-sewwieq normali tagħha kellhom xi sehem mill-ħtija f'dak li ġara. Fil-każ tal-lum, l-imħarrek irid juri x'kienu ċ-ċirkostanzi li wassluh biex ħabat mal- vettura l-oħra, u kif dawn iċ-ċirkostanzi jneħħu minn fuqu r-responsabbiltà ta' dak li ġara;

Illi b'żieda mal-fatti mhux kontestati li għadhom kemm issemmew, din il-Qorti tara li l-verżjoni tal-kumpannija attriċi hija li l-imħarrek kien taħt l-effett tax-xorb, ma setgħlux jikkontrolla l-vettura misjuqa minnu u b'hekk jaħti għall-ħsara li ġrat minħabba f'hekk;

Illi l-imħarrek jisħaq li, x'ħin seħħet il-ħabta, huwa ma kienx xurban. Jgħid li l-formazzjoni tat-triq donnha wasslitu biex resaq għan-naħa l-oħra tal-kareġġjata u b'hekk seħħ l-inċident mal-vettura ta' UI&S li kienet ġejja mill-faċċata;

---

[11] Dok. "MBB 3" f'paġ.121 tal-proċess
[12] Ara x-xhieda ta' Max Borġ Bonello f'paġ. 84 tal-proċess
[13] Dok. "MBB 1" f'paġ. 86 tal-proċess
[14] *Ibid* paġ. 82 tal-proċess
[15] Dok. "GMI 25" f'paġ. 49 tal-proċess

Illi jirriżulta li dak il-ħin tal-inċident it-triq ma kinitx imxarrba, ma kienx hemm żlieq, u ma kienx maltemp[16]. Il-ħabta seħħet fid-dawl tax-xemx wara nofsinhar;

Illi l-prinċipju hu li kull sewwieq jeħtieġlu jikkoordina s-sewqan tiegħu ma' dak ta' traffiku ieħor li jkun fl-inħawi[17]. Dan id-dmir irid iħarsu flimkien mad-dmirijiet l-oħrajn li jrid iżomm kontroll tajjeb tal-vettura li jkun qed isuq, u li jagħraf jinnota dak kollu li qed iseħħ madwaru (il-"*proper look-out*"). Il-fatt waħdu li sewwieq ikun jinsab fuq in-naħa l-ħażina tat-triq, ma huwiex fattur deċiżiv ta' ħtija ta' dak is-sewwieq[18]. Hekk ukoll huwa stabbilit li l-ħabta frontali ta' żewġ vetturi mingħajr ebda spjegazzjoni titfa' fuq iż-żewġ sewwieqa nvoluti ħtija ndaqs għal dik il-ħabta[19];

Illi fil-każ tal-lum, l-imħarrek jistkenn taħt id-difiża tal-emerġenza subitaneja. Huwa jgħid li dak li għadda minnu kien riżultat ta' ċirkostanza lil hinn mill-kontroll tiegħu[20];

Illi huwa aċċettat li aċċident m'huwiex entità astratta, imma huwa fatt li jkun ġara kif inhu fis-sura u l-entità tiegħu, jiġifieri "*event bl-inċidenti inerenti miegħu inkwantu minnu jidderivaw danni: il-kwestjoni m'hijiex biss ta' kawżalità, iżda wkoll ta' responsabbiltà, u min bin-negliġenza tiegħu ikkawża jew ikkontribwixxa biex jikkawża d-danni li jkunu ġraw, ikun ikkawża jew ikkontribwixxa biex jikkawża l-'aċċident' u pro tanto jkun responsabbli għalihom*"[21];

Illi tajjeb li jingħad li, biex tkun tiswa d-difiża tal-forza maġġuri f'aċċident, ma jridx ikun hemm xi sehem, pożittiv jew negattiv (fis-sens ta' omissjoni jew nuqqas), tal-bniedem[22]. Minbarra minn dan, huwa mgħallem ukoll li biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun hemm ġrajja mhux tas-soltu, sproporzjonata, u li tiġri mill-forzi tan-natura, imma jeħtieġ li tkun inevitabbli, b'mod li ma tistax tiġi evitata bid-diliġenza ordinarja tal-*bonus pater familias*"[23]. Fuq kollox, min jallega ċirkostanza bħal din, jaqa' fuqu l-piż li jipprovaha;

Illi bl-istess mod, fejn xi ħadd jallega li jkun sab ruħu f'qagħda fejn ma seta' bl-ebda mod jevita l-aċċident, ikun irid tabilfors juri li jkun sab ruħu f'dik il-qagħda bla ħtija tiegħu. "*Inevitable accident is where a person, in doing*

---

[16] Ara x-xhieda ta' Justin Spiteri f'paġ. 78 tal-proċess
[17] App. Inf. PS **16.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Gasan Insurance Agency Ltd vs. Francis Falzon***
[18] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Schembri vs. Isabel Bajada*** (mhix appellata)
[19] P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Farruġia et vs. Pawlu Mifsud*** (mhix appellata)
[20] Ara x-xhieda tal-imħarrek f'paġ. 107 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "MBB 1" f'paġ. 86 tal-proċess
[21] App. Ċiv. **2.3.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Conti et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.163**)
[22] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Elmo Insurance vs Joseph Micallef et***
[23] P.A. **7.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Belle McCance noe*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.636**)

*an act which he lawfully may do, causes damage without either negligence or intention on his part*"[24]. Għaldaqstant, id-difiża tal-aċċident inevitabbli ma tistax titqajjem b'suċċess jekk kemm-il darba tirriżulta negliġenza min-naħa ta' min jinvokaha[25];

Illi l-Qorti, wara li fliet b'reqqa l-provi fl-atti tal-kawża, ma ssibx li d-difiża tal-forza maġġuri jew tal-emerġenza għall-għarrieda tal-imħarrek hija mistħoqqa. Il-Qorti tibda biex tqis li f'dik il-parti tat-triq fejn ġrat il-ħabta mertu tal-kawża jgħaddu mijiet ta' vetturi kuljum. L-imħarrek donnu jagħti x'jifhem li l-"formazzjoni" tat-triq kienet il-kawża ewlenija li wasslitu biex jaqleb għan-naħa l-oħra tat-triq, iżda ma ressaq l-ebda prova biex jissostanzja din ix-xilja. Tqis ukoll ix-xhieda mogħtija mill-Pulizija li marru fuq is-sit tal-inċident ftit tal-ħin biss wara li ġrat il-ħabta. Huma jikkonfermaw, anke permezz tal-iskizz, il-qagħda tal-vetturi li turi l-vettura misjuqa mill-imħarrek qabżet il-linja doppja tan-nofs ma taqtax ("*continuous double white line*") tat-triq u marret għan-naħa l-oħra tal-kareġġata u ġol-vettura ta' UI&S misjuqa kif imiss fil-kareġġjata tagħha. Din iċ-ċirkostanza hija korroborata wkoll fl-ewwel verżjoni mogħtija mis-sewwieq Mnea meta tkellem mal-Pulizija u fisser id-dinamika tal-każ minnufih qabel saret il-ħabta bħala "*I suddenly saw the other car* (jiġifieri dik misjuqa mill-imħarrek) *skipping its lane ..*"[26]. Il-provi dokumentali juru wkoll li l-ħabta kienet waħda tal-għamla "*head-on*";

Illi l-Qorti tqis ukoll il-jum u l-ħin meta ġara l-inċident, ġurnata kwieta (il-jum tal-Ħadd wara nofsinhar) fejn mhux mistenni li fl-inħawi jkun hemm traffiku, kif ukoll il-fatt li l-art kienet xotta u t-temp kien bnazzi;

Illi, lil hinn minn dak li ngħad dwar l-emerġenza eċċepita, il-Qorti ssib li l-imħarrek ma ta l-ebda raġuni tajba biex ifisser għalfejn kellu jkun fuq il-karreġġata tal-vettura li kienet ġejja minn faċċata u għaliex id-daqqa taha hu u mhux il-vettura l-oħra. Ħaġa bħal din titlob li huwa, u mhux is-sewwieq li kien f'postu, jagħti prova u raġuni tajba biex ifisser għaliex kien fejn kien meta ġrat il-ħabta;

Illi fil-fehma tal-Qorti, dawn l-elementi kollha jwasslu għad-determinazzjoni tal-ħtija tal-imħarrek. U għalhekk, il-Qorti toħroġ bil-fehma sħiħa li l-ħtija waħdanija għall-ħabta hija tal-imħarrek Bonniċi, u dan minħabba sewqan perikoluż, b'mod traskurat u b'nuqqas ta' ħila;

[24] Charlesworth <u>*Law of Negligence*</u> (2nd Edit) pg. 509
[25] App. Ċiv. **16.1.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Apap pro et noe vs. Francis Degiorgio et*** (mhix pubblikata)
[26] Dok "GMI 1, f'paġ. 9 tal-proċess

Illi għal dawn ir-raġunijet, il-Qorti ssib li l-ewwel talba attriċi hija mistħoqqa u sejra tilqagħha, filwaqt li ma ssibx bħala waħda tajba l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek;

Illi l-Qorti issa sejra tqis **it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet** tal-imħarrek, fejn jgħid li m'għandux ikun kundannat iħallas ebda danni għaliex kien kopert b'polza tat-tip '*comprehensive*' u m'għamel xejn li permezz tiegħu kiser jew xejjen it-termini tal-kundizzjonijiet tagħha b'mod li ma baqax igawdi mill-ħarsien assikurat minnha. Fit-tieni waħda mill-imsemmija eċċezzjonijiet huwa jgħid ukoll li ma kienx taħt l-effett tax-xorb meta kien qed isuq dakinhar tal-ħabta;

Illi fir-rigward ta' dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet jidher xieraq li hawn jissemmew żewġ klawżoli mid-disposizzjonijiet relevanti tal-kuntratt ta' assikurazzjoni li sar bejn l-imħarrek u GasanMamo. Jirriżulta li l-polza tagħmilha ċara li ma tkunx tgħodd f'każ fejn l-assikurat ikun responsabbli għal danni li kkawża lill-ġid ta' terz li jkun assikurat mal-istess assikurazzjoni li jressaq talba taħt l-istess polza[27]. Fost l-oħrajn, il-polza tgħid ukoll li biex tkun tgħodd, is-sewwieq tal-vettura ma jridx ikun saq taħt l-effett tax-xorb[28];

Illi biex wieħed iqis sewwa l-kontestazzjoni li teżisti bejn il-partijiet f'din il-kawża, ikun xieraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-kuntratt tal-assikurazzjoni huwa wieħed alejatorju, fejn il-qligħ jew it-telf għaż-żewġ partijiet, jew waħda minnhom, huwa magħmul jiddependi minn ġrajja li m'hijiex żgura[29]. Din il-ġrajja li mhix ċerta tikkostitwixxi l-aspett tar-riskju assikurat, li huwa element ewlieni tal-kuntratt ta' assikurazzjoni, għaliex jikkonsisti fil-possibilità ta' ġrajja li ġġib magħha telf ekonomiku lil min iġarrabha u li dwarha dik il-persuna tkun assikurat ruħha bil-ħlas tal-*premium* u l-ħruġ tal-polza. Fil-kuntratt taħt eżami, ir-riskju titgħabba bih il-kumpannija assikuratriċi, bħala l-korrispettiv tagħha tal-obbligazzjoni tagħha fil-kuntratt[30]. Din tieħu s-sura ta' obbligazzjoni każwali li tiddependi minn ġrajja ta' bla ħsieb li ma tkunx fis-setgħa la tad-debitur u lanqas tal-kreditur[31];

Illi f'ċirkostanzi normali u taħt ir-regola ġenerali, meta sseħħ dik il-ġrajja jitnissel l-obbligu tal-assikuratur li jagħmel tajjeb għat-telf imġarrab mill-assikurat. Sakemm ma joħroġx li l-assikurat kellu sehem f'dik il-ġrajja jew iffaċilita li sseħħ, l-assikuratur huwa mistenni li jħallas l-indenniżż miftiehem;

Illi l-prova ta' dak li jiġi allegat dwar l-imġiba ta' xi waħda mill-partjiet f'kuntratt ta' assikurazzjoni taqa' fuq min iressaq dik l-allegazzjoni.

[27] Dok "MBB 3" Klawsola 6 "*Liability to Third Parties*", f'paġ. 119 tal-proċess
[28] *Ibid.* Klawsola 1 "*General Exceptions*", f'paġ. 121 tal-proċess
[29] Art. 964 tal-Kap. 16
[30] App. Ċiv. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvatore Sammut vs. Middle Sea Insurance p.l.c.***
[31] Art. 1053(1) tal-Kap. 16

Għall-Qorti, ikun biżżejjed jekk l-ispjegazzjonijiet mogħtija jkunu verosimili fuq bażi ta' probabbilità u mhux fuq l-assolutezza tal-kredibilità, l-iżjed jekk dawn l-ispjegazzjonijiet ikunu sostnuti bi provi xierqa preponderanti li jseħħilhom jikkonvinċu[32]. Fil-każ tal-lum, jaqa' fuq GasanMamo li tipprova li għandha raġuni tajba li tqis l-esklużjoni tal-polza għar-raġuni li tgħid li l-imħarrek saq taħt l-effett tax-xorb;

Illi għar-rigward tat-tielet eċċezzjoni, mill-provi li tressqu mill-partijiet, jirriżulta li, qabel ma saq, l-imħarrek kien xorob xorb alkoħoliku. Jekk wieħed joqgħod fuq l-istqarrija tiegħu, l-imħarrek innifsu stqarr li xorob erba' fliexken birra qabel ma saq. Mix-xhieda tal-Puliżija joħorġu żewġ fatti korroboranti: l-ewwel wieħed hu li fuq persuntu nxtammet riħa qawwija ta' alkoħol; it-tieni, li l-imħarrek kellimhom b'mod "normali";

Illi f'kuntratt ta' assikurazzjoni, il-partijiet huma mgħobbija bl-obbligu tal-bona fidi. Filwaqt li l-assikurat huwa obbligat li ma jaħbix fatti materjali li dwaru l-assikuratur irid iqis jekk jagħtix ħarsien għar-riskju taħt il-polza, hekk ukoll l-assikurat irid jimxi bl-ogħla bona fidi, fost oħrajn, fit-tifsir li jingħata lill-kuntratt waqt li l-assikuratur ikun qed iqis it-talba imressqa mill-assikurat;

Illi dan ifisser li, meta wieħed jiġi biex ifisser u japplika l-kliem ta' polza, irid jagħmel dan skont il-prinċipji ġenerali dwar l-interpretazzjoni tal-kuntratti, b'mod partikolari l-artikoli 1005, 1006, 1008 u 1009 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi huwa wkoll prinċipju aċċettat fid-dritt assikurattiv li sakemm kliem f'polza ma jkunx minnu nnifsu kliem ta' xejra teknika jew xjentifika, il-kliem u t-termini fiha għandu jingħata t-tifsira ordinarja tiegħu[33]. Fi kliem ieħor, il-kliem jitfisser bil-mod li bih jifhmu l-bniedem tat-triq;

Illi fil-każ ta' assikurat taħt "influenza ta' alcohol", fil-fehma tal-Qorti din hija kwestjoni li teħtieġ tiġi ppruvata xjentifikament speċjalment meħud kont ix-xhieda tas-surġent tal-Pulizija li stqarr li minkejja li l-imħarrek kellu riħa ta' xorb tkellem miegħu b'mod normali. B'dan il-kliem il-Qorti fehmet li l-imħarrek kien jaf x'inhu jiġri madwaru u mhux mitluf minn sensih. Min-naħa tiegħu, waqt it-trattazzjoni tal-għeluq[34], l-għaref difensur ta' GasanMamo qal li l-polza maħruġa favur l-imħarrek kienet tgħid li biżżejjed li l-assikurat ikun taħt l-influwenza ta' xorb jew droga, biex il-polza taqa': ma kellux għalfejn ikun ippruvat li huwa kien f'sakra ma jarax l-art jew li kien jaqbeż il-limiti preskritti mil-liġi;

---

[32] P.A. PS **28.4.3003** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs. David Curmi noe***
[33] Hardy Ivamy: General Principles of Insurance Law (4th Edit., 1979) paġġ. 362 – 363
[34] Paġ. 127 tal-proċess

Illi l-qrati inglizi[35] jagħu piż qawwi lit-test xjentifiku u jqisu l-magna użata għal dan l-iskop (il-"*breathalyzer machine*") bħala mod kif wieħed jasal biex iqis u, fl-istess waqt jiddetermina, jekk persuna hijiex fi stat ta' sokor jew le;

Illi jirriżulta li GasanMamo qagħdet biss fuq it-tagħrif imniżżel fir-rapport maħruġ mill-Pulizija fejn jissemma li l-imħarrek qal li kien xorob xi birra u fejn l-uffiċjali tal-Pulizija kitbu li l-imħarrek kellu fuq persuntu riħa ta' xorb, mingħajr ma ġie fil-fatt stabbilit jekk l-imħarrek kienx taħt l-effett tal-alkoħol minħabba li l-magna li kellha tintuża kienet miksura. Jirriżulta li l-ispjegazzjoni li ta s-surgent waqt is-smigħ tal-kawża (dik fejn xehed li l-imħarrek, minkejja li kellu r-riħa ta' xorb, kelmu b'mod "normali"), ma setgħetx titqies minn GasanMamo għaliex ma kinetx tagħmel parti mir-rapport u għaldaqstant ma kinitx taf biha. Il-Qorti, wara li qieset dawn il-fatturi kollha, tasal għal fehma li l-kumpannija attriċi naqset li ġġib prova b'saħħitha biżżejjed li turi li l-imħarrek kien fil-fatt taħt l-effett tax-xorb u li għaldaqstant fil-waqt li ġrat il-ħabta ma kienx kopert bil-polza tal-assikurazzjoni;

Illi għal dawn ir-raġunijet, il-Qorti ssib li t-tielet eċċezzjoni hija mistħoqqa u sejra tilqagħha;

Illi, minkejja dan li ngħad, jekk dwar it-tielet eċċezzjoni jaf iġib l-istess riżultat dwar dak li jista' jingħad fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni. F'dan il-każ, il-Qorti tara l-ħtieġa li tqis klawżola 6 tal-polza taħt il-parti tal-kuntratt li jittratta "*Liability to Third Parties*". Dan irid isir fil-qafas tal-fatt li l-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba attriċi u ssib ħtija fl-imħarrek għall-ħabta mertu tal-kawża. Mill-fatti stabbiliti jirriżulta li, lil hinn minn jekk l-assikurat (l-imħarrek, f'dan il-każ) kienx assikurat ma' GasanMamo jew le, huwa kellu jġorr waħdu l-ħtija tal-ħabta u għad-danni li ġarrbet UI&S li, bħall-imħarrek, hija assikurata wkoll ma' GasanMamo. UI&S ressqet talba ('*claim*') taħt din il-parti tal-polza ta' assikurazzjoni tagħha u GasanMamo għamlet tajjeb għan-nefqiet li kellha l-assikurata tagħha fil-karozza milquta;

Illi l-Qorti tosserva li GasanMamo fl-ebda waqt matul il-kawża ma ttrattat dan il-punt. Minkejja dan, u ladarba hija mertu li taqa' taħt it-tieni eċċezzjoni, il-Qorti tasal għall-fehma li, meta wieħed iqis il-fatti kollha li joħorġu mill-atti u minkejja li l-Qorti qiegħda ssib li t-tielet eċċezzjoni hija tajba, għandu jirriżulta l-jedd ta' GasanMamo li ma tkoprix lill-imħarrek taħt il-polza maħruġa lilu fuq is-saħħa tal-klawżola 6 tal-istess polza. F'każ bħal dak, jibqa' fuq l-imħarrek li jagħmel tajjeb għan-nefqiet li saru biex issewwiet il-vettura li ħabat

[35] Ara, b'eżempju, Westminster Magistrates' Court, **24.6.2016**, fil-kawża fl-ismijiet ***CPS vs Danny Cipriani*** *per* Riddle j.

magħha u l-"*excess*" imħallas minn sidt dik il-vettura (UI&S) għan-nefqiet li ma kinux koperti bil-polza maħruġa favuriha;

Illi għal dawn ir-raġunijet, il-Qorti ssib li t-tieni eċċezzjoni mhix mistħoqqa u għaldaqstant mhux ser tilqagħha;

Illi dwar il-**likwidazzjoni tad-danni** ftit hemm x'wieħed jgħid. Intwera bla l-iċken dubju, li l-ħsarat li ġarrbet il-karozza ta' UI&S kienu estensivi[36], u li dawn it-tiswijiet saru b'għadd ta' partijiet tal-vettura kellhom jinbidlu b'oħrajn ġodda u b'ħin ta' xogħol li kellu jittieħed biex isiru tali tiswijiet. Sar ukoll l-irmunkar tal-vettura[37]. Mnea kellu jirrikorri għall-kiri ta' karozza oħra għaż-żmien li l-karozza ta' UI&S kienet qiegħda tissewwa[38];

Illi, fuq kollox, intwera li, mal-ħlas, l-attriċi UI&S issurrogat lil GasanMamo fil-jeddijiet tagħha malli tħallset. L-ammont ta' rimbors li GasanMamo effettwat lil UI&S u l-"*excess*" imħallas minn UI&S jitla' għas-somma mitluba fit-tieni talba attriċi, jiġifieri tlettax-il elf, ħames mija u erba ewro u wieħed u għoxrin Euro ċenteżmi (€13,504, 21);

Illi ladarba GasanMamo attriċi hija surrogata fil-jeddijiet ta' UI&S għandha l-jedd li tiġbor mingħand il-persuna responsabbli kull nefqa illi l-assikurat tagħha kien ikollu l-jedd li jippretendi mingħand l-imħarrek;

Illi minħabba f'hekk, il-Qorti ssib li l-ammont ta' danni mitlub huwa ppruvat kif imiss, u li t-tieni talba jistħoqqilha tintlaqa';

Illi billi t-**tielet talba** hija konsegwenzjali għat-tieni waħda, il-Qorti sejra wkoll tilqagħha. Fir-rigward tat-talba għall-ħlas tal-imgħax, ladarba l-ammont mitlub fl-ittra uffiċjali ma kienx dak li ntalab fir-Rikors Maħluf, il-Qorti hija tal-fehma li l-imgħax jibda miexi minn dakinhar li l-imħarrek laqa' n-notifika tal-atti tal-kawża. Huwa fir-Rikors Maħluf li l-ammont mitlub huwa l-ammont li l-imħarrek se jkun ordnat iħallas. L-imħarrek laqa' n-notifika tar-Rikors Maħluf fid-19 ta' Lulju, 2013[39];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni** tal-imħarrek, imma tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħrajn;

---

[36] Dokti "GMI 2" sa "GMI 7" u "GMI 13" sa "GMI 23" , f'paġġ. 12 – 8 u 29 sa 41 tal-proċess
[37] Dok "GMI 8", f'paġġ. 19 – 20 tal-proċess
[38] Dokti "GMI 10" u "GMI 11" f'paġġ. 23 – 6 tal-proċess
[39] Riferta f'paġ. 56 *tergo* tal-proċess

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib lill-imħarrek waħdu jaħti għall-inċident li seħħ fi Triq il-Foss, il-Pietà fis-16 ta' Mejju, 2010, meta l-vettura misjuqa minnu bin-numru ta' reġistrazzjoni GBD 886 baqgħet dieħla ġo dik misjuqa mis-sewwieq assikurat li ġġib in-numru ta' reġistrazzjoni UIS 006;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrba mill-atturi fl-ammont ta' tlettax-il elf, ħames mija u erba' ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmi (€13,504.21);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas id-danni hekk likwidati fl-ammont ta' tlettax-il elf, ħames mija u erba' ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmi (€13,504.21); u

**Tordna** lill-imħarrek iħallas **l-ispejjeż tal-kawża** flimkien mal-imgħax legali fuq is-somma likwidata b'seħħ mid-19 ta' Lulju, 2013, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**26 ta' Marzu, 2024**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**